MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Numru. 569/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**
**KONTRA**

**GILBERT GRECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Gilbert Grech ta’ 23 sena, bin Paul u Pauline nee’ Galea, mwieled nhar il- 11 ta’ April 1986 Pieta’, residenti 41, Triq San Filippu, Mgarr, Malta u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 174986(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) F’ dawn il- Gzejjer, nhar il- 15 ta’ Novembru 2009, fil- Mosta f’ xi hin bejn 12.00pm u t- 8.00pm volontarjament ghamel hsara li jammontaw ghal madwar aktar minn €233 u anqas minn €2330 fuq il- vettura bin-numru tar- registrazzjoni DAE 297 ghad- dannu ta’ Marianne Sacco;

2) U aktar talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi hedded bi kliem lil Marianne Sacco;

3) U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi minghajr ma darab jwe sawwat, hedded bi hwejjeg ibsien u cioe hadida jew qabad armi ohra kontra Marianne Sacco;

4) U aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq Marianne Sacco hekk kif giet iccertifikata minn Dr. Ramon Scerri MD Reg no 1986 tal- Mosta Health Centre;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta ta’ llum Maryann Sacco irtirat il-kwerela kontra l-imputat u ddikjarat illi thallset ghas-saldu ghad-danni sofferti minn dan l-incident, u tablet lill-Qorti biex ma tixhedx f’din il-kawza. Ghalhekk, fid-dawl ta’ dan kollu, il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 325, 338, 339, 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------